# Unjoni li tirsisti għal aktar

# L-aġenda tiegħi għall-Ewropa

*Mill-kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea*

**Ursula von der Leyen**

**LINJI GWIDA POLITIĊI GĦALL-KUMMISSJONI EWROPEA LI JMISS 2019-2024**



# Unjoni li tirsisti għal aktar

Għall-ġenerazzjoni tal-ġenituri tiegħi, l-Ewropa kienet aspirazzjoni għas-sliem f'kontinent li kien ilu wisq maqsum.

Għall-ġenerazzjoni tiegħi, l-Ewropa kienet aspirazzjoni għas-sliem, għall-prosperità u għall-unità li ħadu l-ħajja permezz tal-munita unika tagħna, tal-moviment ħieles u tat-tkabbir.

**Għall-ġenerazzjoni ta' wliedi, l-Ewropa hija aspirazzjoni unika**.

Hija aspirazzjoni għal għajxien f'kontinent naturali u b'saħħtu. Ta' għajxien f'soċjetà fejn persuna tista' tkun min verament hi, tgħix fejn trid, tħobb lil min trid u li tista' tilħaq l-għanijiet tagħha, ikunu xi jkunu. Din hija aspirazzjoni għal dinja mimlija daqs bajda b'teknoloġiji ġodda u b'valuri dejjiema. Għal Ewropa li tkun minn ta' quddiem fuq l-isfidi ewlenin ta' żminijietna.

Il-popli tal-Ewropa semmgħu leħinhom u l-aspirazzjonijiet tagħhom f'numri bla preċedent fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' din is-sena. Huma taw kompitu ċar lill-istituzzjonijiet u lill-mexxejja Ewropej biex ikunu qalbiena u deċiżivi.

**Biex nittrasformaw din l-aspirazzjoni f'realtà permezz ta' azzjoni, irridu nerġgħu niskopru l-unità u s-saħħa ġewwenija tagħna.**

Jekk niġi eletta, jien se nsaħħaħ ir-rabtiet bejn in-nies, in-nazzjonijiet u l-istituzzjonijiet. Bejn l-istennijiet u t-twettiq. Bejn il-kliem u l-fatti. Il-Kummissjoni tiegħi se tagħti widen lin-nies Ewropej u tkun kuraġġuża fejn ikun jagħmel sens li tittieħed azzjoni, filwaqt li tħalli f'idejn l-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali biex jieħdu azzjoni fejn ikunu fl-aħjar pożizzjoni li jagħmlu dan.

Id-dinja tal-lum tinħass aktar instabbli. Il-potenzi eżistenti qegħdin jaqbdu mogħdijiet ġodda għal rashom. Il-potenzi l-ġodda qegħdin isibu saqajhom u jissaħħu. L-isfidi marbuta mal-klima, mat-teknoloġija u mad-demografija qegħdin jittrasformaw is-soċjetajiet u l-għajxien tagħna. Dawn qed joħolqu element ta' biża' u ansjetà f'ħafna komunitajiet madwar l-Ewropa.

Fil-ħames snin li ġejjin irridu naħdmu id f'id biex negħlbu l-biżgħat u noħolqu l-opportunitajiet.

**L-Ewropa għandha tmexxi t-tranżizzjoni lejn pjaneta b'saħħitha u dinja diġitali ġdida. Iżda dan tista' tagħmlu biss billi tlaqqa' n-nies flimkien u ssaħħaħ l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna b'mod li jixraq l-ambizzjonijiet il-ġodda tal-lum.**

Hekk kif nerħulha għal dan il-vjaġġ jeħtieġ, li nagħmlu l-aħjar użu mill-kwalitajiet, mit-talent u mill-potenzjal tagħna. Irridu niffukaw fuq l-ugwaljanza u noħolqu opportunitajiet għal kulħadd, kemm jekk nisa jew irġiel, kemm jekk mil-Lvant, mill-Punent, min-Nofsinhar jew mit-Tramuntana, kemm jekk żgħażagħ jew anzjani.

Irridu nħarsu l-valuri komuni tagħna u nirrispettaw l-istat tad-dritt. U rridu nakkwistaw ir-riżorsi li neħtieġu biex niksbu l-ambizzjonijiet tagħna, notevolment permezz tal-baġit fit-tul li jmiss li għandu jintlaħaq ftehim dwaru mill-aktar fis possibbli.

Għandna l-pedament minn fejn nistgħu niksbu dan kollu. Għandna livelli rekord ta' okkupazzjoni u tkabbir ekonomiku sostenibbli. Aħna s-superpotenza kummerċjali tad-dinja. Aħna nistabbilixxu l-istandards u l-oħrajn isegwuhom. Ħriġna miż-żmien tal-ġestjoni tal-kriżijiet u issa nistgħu nħarsu 'l quddiem.

**Jenħtieġ li ma nżommux lura u li nkunu kburin dwar il-pożizzjoni li ninsabu fiha u fejn beħsiebna mmorru.**

Hekk kif nimxu 'l quddiem flimkien, irrid approċċ aktar inkluživ u miftuħ dwar il-mod li naħdmu. Irrid insaħħaħ is-sħubija tal-Kummissjoni mal-Parlament Ewropew, il-leħen taċ-ċittadini tagħna.

F'dan l-ispirtu, ikkonsultajt b'mod estensiv u ispirajt ruħi mid-diskussjonijiet li kelli mal-gruppi politiċi kollha fil-Parlament Ewropew, kif ukoll mill-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew għall-perjodu bejn l-2019 u l-2024.

Dawn il-Linji Gwida Politiċi tnebbħu mill-ideat u l-prijoritajiet komuni li jgħaqqduna. Mhumiex programm ta' ħidma eżawrjenti iżda għandhom l-għan li jagħtu l-kuntest lill-ħidma komuni tagħna. F'kull kapitolu se ssib il-politiki li beħsiebni nuża biex inwettaq l-għanijiet tagħna. Dawn il-Linji Gwida Politiċi jiffokaw fuq is-sitt ambizzjonijiet ġenerali għall-Ewropa għall-ħames snin li ġejjin u lil hinn sew minnhom.

- ✓ **Patt Ekoloġiku Ewropew**
- ✓ **Ekonomija li taħdem għan-nies**
- ✓ **Ewropa mħejjija għall-era diġitali**
- ✓ **Ħarsien tal-istil tal-ħajja Ewropew**
- ✓ **Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja**
- ✓ **Spinta ġdida għal demokrazija Ewropea**

Se nadattaw u naġġornaw hekk kif ikomplu jinħolqu l-isfidi u l-opportunitajiet, iżda se nibqgħu nżommu mal-prinċipji u l-ħolm elenkati f'dawn il-linji gwida. **Il-ħames snin li ġejjin, narahom bħala opportunità għall-Ewropa biex tirsisti aktar lokalment biex tkun mexxej fid-dinja.**

# 1. Patt Ekoloġiku Ewropew

**Irrid li l-Ewropa tirsisti aktar billi ssir l-ewwel kontinent b'impatt newtrali fuq il-klima.**

Il-messaġġ tal-votanti Ewropej — u ta' dawk li għadhom żgħar wisq biex jivvutaw — huwa ċar u qawwi: iridu li tittieħed azzjoni reali dwar it-tibdil fil-klima u jridu li l-Ewropa tkun fuq quddiem nett.

Ispirajt ruħi mill-passjoni, mill-konvinzjoni u mill-enerġija ta' miljuni ta' żgħażagħ tagħna li semmgħu leħinhom fi triqatna u f'qalbna. Qegħdin jiddefendu l-ġejjieni tagħhom u huwa d-dmir ġenerazzjonali tagħna li nwettquh għalihom.

L-akbar sfida u opportunità ta' żminijietna hija li nsiru **l-ewwel kontinent fid-dinja b'impatt newtrali fuq il-klima**. Dan jinvolvi t-teħid ta' azzjoni deċiżiva issa stess. Se jeħtiġilna ninvestu fl-innovazzjoni u fir-riċerka, infasslu l-ekonomija tagħna mill-ġdid u naġġornaw il-politika industrijali tagħna.

Biex inkunu nistgħu niksbu l-ambizzjoni tagħna **fl-ewwel 100 jum fil-kariga se nipproponi Patt Ekoloġiku Ewropew**.

Dan se jinkludi l-**ewwel Liġi Ewropea dwar il-Klima sabiex il-mira tan-newtralità klimatika titnaqqax fil-liġi.**

*Ispirajt ruħi mill-passjoni, mill-konvinzjoni u mill-enerġija ta' miljuni ta' żgħażagħ tagħna li semmgħu leħinhom fi triqatna u f'qalbna. Huwa d-dmir ġenerazzjonali tagħna li nwettqu għalihom.*

Ninsabu fit-triq it-tajba biex nilħqu l-għanijiet ambizzjużi tagħha tal-**Ftehim ta' Pariġi** u tal-miri tal-2030. Iżda rridu mmorru lil hinn minn dawn u naħdmu b'ritmu aktar mgħaġġel dwar l-impatt newtrali fuq il-klima sal-2050.

Bħalissa għandha l-għan li nnaqqsu l-emissjonijiet b'40 % sal-2030. Iżda rridu nkunu aktar ambizzjużi. L-emissjonijiet tal-karbonju jrid ikollhom prezz. Kull persuna u kull settur se jkollhom jikkontribwixxu.

**Se nipproponi l-estensjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet** biex tkopri s-settur marittimu u nnaqqsu gradwalment l-allokazzjonijiet bla ħlas tal-kwoti li jingħataw lil-linji tal-ajru. Se nipproponi wkoll li din tiġi estiża biex tkopri t-traffiku u l-kostruzzjoni. Is-sistemi differenti se jkollhom jikkonverġu sal-2030 jekk irridu li jkollna impatt newtrali fuq il-klima sal-2050.

Biex nikkomplimentaw din il-ħidma, u biex niżguraw li l-kumpaniji tagħna jkunu jistgħu jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi, se nintroduċi **Taxxa fuq il-Karbonju fil-Fruntieri** biex nevitaw ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Din għandha tkun konformi bis-sħiħ mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Se nibdewha fuq għadd ta' setturi magħżula u mbagħad tiġi estiża gradwalment. Beħsiebni wkoll nagħmel rieżami tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

## *Tranżizzjoni ġusta*

Sabiex nixprunaw il-bidla li neħtieġu, se nressaq il-pjan tiegħi għal ekonomija mħejjija għall-ġejjieni, **l-istrateġija industrijali l-ġdida tagħna.**

Se nkunu l-mexxejja dinjija tal-**ekonomija ċirkolari** u tat-teknoloġiji nodfa. Se naħdmu biex niddekarbonizzaw l-industriji li jużaw ħafna enerġija.

L-Ewropa hija ekonomija industrijali, u f'ħafna partijiet tal-Unjoni l-manifattur, l-impjant jew il-fabbrika lokali huma l-qalba tal-komunitajiet tagħna. Nemmen li dak li jgħodd għall-pjaneta tagħna jgħodd ukoll għan-nies, għar-reġjuni u għall-ekonomija tagħna.

**Il-Fondi ta' Koeżjoni** għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ li jagħtu lir-reġjuni u liż-żoni rurali mil-Lvant sal-Punent, min-Nofsinhar sat-Tramuntana biex inżommu l-pass mat-trasformazzjonijiet li qegħdin iseħħu fi-dinja. Iżda rridu nagħmlu iżjed minn hekk.

**Għandna bżonn tranżizzjoni ġusta għal kulħadd.**

F'din it-tranżizzjoni rridu nirrikonoxxu u nirrispettaw li mhux kollha kemm aħna nibdew mill-istess punt ta' tluq. Aħna nikkondividu l-istess ambizzjoni iżda wħud minnha jaf ikollhom bżonn appoġġ partikolari għalihom aktar minn oħrajn biex jaslu fid-destinazzjoni.

*Nemmen li dak li jgħodd għall-pjaneta tagħna jgħodd ukoll għan-nies, għar-reġjuni u għall-ekonomija tagħna. Ser niżguraw tranżizzjoni ġusta għal kulħadd.*

Se nappoġġjaw lill-persuni u lir-reġjuni l-aktar milquta permezz ta' **Fond għal Tranżizzjoni Ġusta**. Fl-Ewropa hekk nagħmluhom l-affarijiet: aħna ambizzjużi u **ma nħallu l-ħadd jaqa' lura**.

Neħtieġu wkoll aktar edukazzjoni u motivazzjoni. Għal dan il-għan, se nipproponi **Patt Klimatiku Ewropew** — li jqarreb lir-reġjuni, lill-komunitajiet lokali, lis-soċejtà ċivili, lill-industrija u lill-iskejjel. Flimkien dawn se jfasslu u jimpenjaw sensiela ta' wegħdiet li jibdlu l-imġiba, mill-individwu sal-akbar kumpanija multinazzjonali. Din se tkun parti ewlenija mit-tranżizzjoni ġusta għal kulħadd.

## *Pjan Sostenibbli ta' Investiment għall-Ewropa*

Dawk li jaġixxu l-ewwel u b'ritmu mgħaġġel ser ikunu dawk li se jaħtfu l-opportunitjiet tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Din hija r-raġuni għaliex se ninvesti ammonti rekord f'riċerka u innovazzjoni avvanzata, permezz ta' flessibbiltà sħiħa tal-baġit tal-UE li jmiss biex niffokaw fuq dawk l-oqsma bl-akbar potenzjal.

**Ninsab lesta li nkun aktar ambizzjuża dwar l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss**. Jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu, kollettivament nistgħu niffissaw mira ta' 30 % tan-nefqa dwar l-objettivi klimatiċi fil-baġit fit-tul li jmiss.

Iżda waħedhom il-finanzi pubbliċi mhumiex se jkunu biżżejjed. Irridu nużaw l-investiment privat billi npoġġu l-finanzjament ekoloġiku u sostenibbli fil-qalba tal-katina tal-investiment u tas-sistema finanzjarja tagħna. Biex niksbu dan l-objettiv beħsiebni nressaq **strateġija għall-finanzjament ekoloġiku** u **Pjan Sostenibbli ta' Investiment għall-Ewropa**.

Bħala parti minn dan, **se nipproponi wkoll li nittrasformaw partijiet mill-Bank Ewropew tal-Investiment fil-bank klimatiku tal-Ewropa.**

Il-bank diġà huwa l-akbar fornitur multilaterali ta' finanzjament klimatiku fid-dinja, hekk kif 25 % tal-finanzjament totali tiegħu se jkun allokat għal-invesitment klimatiku. Irrid li minn tal-anqas nirdoppja din iċ-ċifra sal-2025.

**Il-Pjan Sostenibbli ta' Investiment għall-Ewropa se jappoġġja EUR 1 triljun**

**f'investiment fl-għaxar snin** li ġejjin f'kull rokna tal-UE.

## *Miri aktar ambizzjużi għall-2030*

Irridu nkunu aktar ambizzjużi fir-rigward tal-miri tal-2030. Irrid li sal-2030 innaqqsu l-emissjonijiet b'mill-anqas 50 %. Madankollu, biex inħallu impatt reali, id-dinja kollha trid taħdem id f'id. **L-UE se tmexxi n-negozjati internazzjonali biex sal-2021 iżżid il-livell tal-ambizzjoni ta' min iniġġes l-aktar.**

Sa din id-data, se nimpenja ruħi li nippreżenta pjan komprensiv **biex il-mira tal-Unjoni Ewropea sal-2030 tiżdied għal 55 % b'mod responsabbli**

Dan il-pjan se jissejjes fuq valutazzjonijiet tal-impatt soċjali, ekonomiċi u ambjentali li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u jixpruna l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-impjiegi.

## *Il-Ħarsien tal-ambjent naturali tal-Ewropa*

It-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, is-sigurtà alimentari, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-art imorru flimkien. Jeħtiġilna nibdlu l-mod li nipproduċu, nikkonsmaw u nikkumerċjaw. Il-ħarsien u l-irkupru tal-ekosistemi tagħna jridu jiggwidaw il-ħidma tagħna kollha kemm hi. Jeħtiġilna nistabbilixxu standards ġodda għall-bijodiversità fl-oqsma tal-politika kummerċjali, industrijali, agrikola u ekonomika.

**Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew se nippreżentaw Strateġija għall-Bijodiversità sal-2030.**.

L-ambjent tagħna, il-ġawhar naturali tagħna, l-ibħra u l-oċeani tagħna għandhom jiġu kkonservati u mħarsa. L-Ewropa se taħdem mas-sħab globali tagħha biex tliġġem it-telfien tal-bijodiversità fil-ħames snin li ġejjin. Irrid li aħna nkunu minn ta' quddiem fil-Konferenza tal-2020 tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tad-Diversità Bijoloġika, bħal ma għamilna fil-Konferenza ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2015.

Irridu nħarsu x-xogħol vitali tal-bdiewa tagħna biex nipprovdu lill-Ewropej ikel sustanzjuż, affordabbli u sikur. Dan se jkun possibbli biss jekk ikunu jistgħu jagħmlu għajxien deċenti għall-familji tagħhom. Se ngħinu lill-bdiewa tagħna bi Strateġija ġdida **"Mill-Għalqa sal-Platt" dwar l-ikel sostenibbli** matul il-katina tal-valur kollha kemm hi.

Aktar minn 50 % tal-Ewropej jirrisjedu f'żoni rurali. Huma n-nisġa tas-soċjetà tagħna u l-polz tal-ekonomija tagħna. Id-diversità tal-pajsaġġ, tal-kultura, u tal-wirt hija waħda mill-aktar karatteristiċi notevoli li jiddefinixxu lill-Ewropa. Huma parti ewlenija mill-identità u mill-potenzjal ekonomiku tagħna. **Aħna ngħożżu u nħarsu ż-żoni rurali tagħna u ninvestu fil-ġejjieni tagħhom.**

Is-saħħa taċ-ċittadini Ewropej u s-saħħa tal-pjaneta jimxu id f'id: tikkonċerna l-kwalità tal-arja li nibilgħu, tal-ilma li nixorbu, tal-ikel li nieklu, u s-sikurezza tal-prodotti li nużaw.

Is-saħħa taċ-ċittadini tagħna, ta' wliedna u tan-neputijiet tagħna tiddependi fuq il-fatt li l-Ewropa toqrob lejn l-ambizzjoni li jinqata' t-tniġġis kollu. Se nippreżenta strateġija trasversali għall-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini tagħna mid-degradazzjoni ambjentali u t-tniġġis, għall-indirizzar tal-kwalità tal-arja u tal-ilma, tal-kimiki perikolużi, tal-emissjonijiet industrijali, tal-pestiċidi u tal-interferenti endokrinali.

Ewropa sostenibbli hija Ewropa li toħloq opportunitajiet, iġġedded, toħloq impjiegi u toffri vantaġġ kompetittiv lill-industrija tagħha. L-ekonomija ċirkolari hija fattur ewlieni għall-iżviluppar tal-mudell ekonomiku ġejjieni tal-Ewropa.

Se nipproponi **Pjan ta' Azzjoni Ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari** li jiffoka dwar l-użu sostenibbli ta' riżorsi, speċjalment f'setturi li jużaw ħafna riżorsi u b'impatt għoli bħat-tessuti u l-kostruzzjoni.

**Irrid Ewropa li tkun minn ta' quddiem fil-kwistjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss**. Sal-2050, fil-baħar se jkun hemm aktar plastik milli ħut. Irridu nkunu aktar serji fl-azzjoni tagħna biex nibdlu din ix-xejra. Il-leġiżlazzjoni Ewropea diġà tapplika għall-aktar għaxar prodotti tal-plastik fil-bajjiet Ewropej. Irrid niftaħ front ġdid fil-ġlieda tagħna kontra l-iskart tal-plastik billi nindirizzaw l-iskart tal-mikroplastik

# 2. Ekonomija li taħdem għan-nies

**Irrid Ewropa li tirsisti aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġustizzja soċjali u l-prosperità.** Din hija l-wegħda li waqqfet lill-Ewropa.

**Jiena kburija bl-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea.** Din tippermetti lill-ekonomiji tagħna jikbru — u tixpruna t-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza. Tiżgura li l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali jiġu l-ewwel u qabel kollox.

It-tisħiħ tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna huwa importanti ferm fi żmien meta qegħdin infasslu mill-ġdid il-mod li l-industrija u l-ekonomija tagħna jaħdmu.

L-għan tagħna li jkollna impatt klimatiku newtrali fuq pjaneta b'saħħtu jrid jinbena fuq ekonomija soċjali tas-suq reżiljenti. L-ammont li se nonfqu fuq din it-tranżizzjoni l-ewwel irridu naqilgħuh.

## *L-appoġġ lin-negozji ż-żgħar*

Dan jibda billi nsaħħu s-sinsla tal-ekonomija tagħna: **l-intrapriżi żgħar u medji** tagħna (SMEs)

Dawn jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha tagħna u huma responsabbli għal 85 % tal-impjiegi li nħolqu f'dawn l-aħħar ħames snin. Dawn huma l-innovaturi u l-intraprendituri tagħna. Jipprovdu taħriġ vokazzjonali liż-żgħażagħ tagħna. Jirrappreżentaw dak kollu li huwa tajjeb fl-ekonomija tagħna.

Neħtieġu aktar innovaturi żgħażagħ u lventi b'teknoloġiji rivoluzzjonarji, bħalma kienu l-ġganti teknoloġiċi tal-lum għaxar snin ilu.

**Irrid nagħmilha aktar faċli biex in-negozji ż-żgħar isiru innovaturi kbar.** Irridu nissuktaw bl-iżvilupp tat-tkabbir tas-suq finanzjarju għall-kumpaniji innovattivi tal-ġejjieni.

Huwa għalhekk li qed nippreżenta **strateġija apposta għall-SMEs** sabiex niżgura li jkunu jistgħu jirnexxu billi nnaqqas il-burokrazija żejda u ntejjeb l-aċċess tagħhom għas-suq.

Se **nikkompletaw l-Unjoni tas-Swieq Kapitali** biex niżguraw li l-SMEs ikollhom aċċess għall-finanzjament li jkollhom bżonn biex jikbru, jinnovaw u jespandu. Biex nappoġġja dan, se noħloq **fond privat-pubbliku speċjalizzat fl-Offerti Pubbliċi Inizjali tal-SMEs**, b'investiment inizjali mill-UE li miegħu jkun jista' jinżied investiment paragunabbli minn investituri privati.

## *L-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja*

**In-nies u n-negozji tagħna jistgħu jirnexxu biss jekk l-ekonomija taħdem għalihom.** Dan huwa l-għan tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna.

Wara snin ta' rkupru, l-ekonomija tal-Ewropa sabet saqajha, u l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment treġġgħu lura u lil hinn mil-livelli ta' qabel il-kriżi. Il-finanzi pubbliċi qed ikomplu jmorru għall-aħjar, is-sistema bankarja hija aktar b'saħħitha u l-pedamenti tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja huma qawwijin aktar minn qatt qabel.

Issa li fl-orizzont tfaċċaw xi riskji għal dan kollu, li wħud minnhom huma marbuta ma' tensjonijiet kummerċjali, filwaqt li oħrajn jirrelataw ma' tkabbir globali aktar kajman, irridu nżommu momentum dinamiku. Neħtieġu ambjent aktar attraenti għall-investiment u għat-tkabbir li joħloq impjiegi ta' kwalità, speċjalment għaż-żgħażagħ.

L-euro, il-munita komuni tagħna, tiswa iżjed mill-muniti u l-karti li għandna fil-but. L-euro hija s-simbolu tal-unità tagħna u tal-wegħda Ewropea tal-prosperità u l-protezzjoni.

Ma għandna qatt nieqfu nsaħħuha. Jien se nipprijoritizza **t-tisħiħ ulterjuri tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja**.

Bħala parti minn dan, se ngħin fil-ħolqien ta' **Strument Baġitarju għall-Konverġenza u l-Kompetittività taż-żona tal-euro** li jassisti fir-riformi għat-tkabbir u l-investiment fl-Istati Membri. Se nżid l-appoġġ lil dawk il-pajjiżi li għadhom mhumiex fl-euro iżda qegħdin jitħejjew biex jidħlu.

Se **nuża l-flessibbiltà kollha li jippermettili l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**. Dan jgħinna niksbu pożizzjoni fiskali aktar orjentata lejn it-tkabbir fiż-żona tal-euro filwaqt li nissalvagwardjaw ir-responsabbiltà fiskali.

**Se niffoka wkoll fuq l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja**. Dan jinkludi mekkaniżmu ta' garanzija komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, assigurazzjoni tal-aħħar istanza fl-eventwalità ta' riżoluzzjoni ta' bank.

Biex inserrħu moħħ in-nies dwar is-sikurezza tad-depożiti bankarji tagħhom, neħtieġu **Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti**.

Dawn huma l-biċċiet li jonqosha l-Unjoni Bankarja, u jenħtieġ li nifthiemu dwarhom mill-aktar fis possibbli. Se nippreżenta wkoll għadd ta' miżuri għal riżoluzzjoni tal-banek u qafas ta' insolvenza sodi.

Irrid **insaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro** inkluż ir-rappreżentanza tagħha lil hinn mill-Ewropa. Suq kapitali b'saħħtu, integrat u reżiljenti huwa l-aħjar punt ta' tluq minn fejn il-munita unika tibda tintuża b'mod aktar mifrux fil-livell internazzjonali.

Il-politika ekonomika tagħna trid timxi id f'id mad-drittijiet soċjali, mal-għan tan-newtralità klimatika u ma' industrija kompetittiva.

**Se nerġa' niffoka s-Semestru Ewropew f'għodda li tintegra l-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.**

Il-governanza ekonomika u r-responsabbiltà demokratika jridu jimxu id f'id jekk irridu nsaħħu s-sjieda tad-deċiżjonijiet komuni tagħna.

F'dan l-ispirtu **rrid li l-Parlament Ewropew ikollu leħen aktar qawwi f'dak li għandu x'jaqsam mal-governanza ekonomika tal-Unjoni tagħna**.

*In-nies u n-negozji tagħna jistgħu jirnexxu biss jekk l-ekonomija taħdem għalihom. Dan huwa l-għan tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna.*

Il-Membri tal-Kummissjoni li huma responsabbli mill-kwistjonijiet ekonomiċi se jżuru l-Parlament Ewropew qabel kull stadju prinċipali taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew.

## *Il-pilastru soċjali Ewropew*

**Nemmen li wasal iż-żmien biex nirrikonċiljaw l-aspett *soċjali* u *s-suq* fl-ekonomija moderna tal-lum.**

Minħabba dan, se nressaq **pjan ta' azzjoni għal implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.**

Bħala parti minn dan, se nappoġġjaw lil dawk li jaħdmu biex jaqilgħu għajxien diċenti, u lil dawk inattivi hekk kif ifittxu impjieg. Se nappoġġjaw lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna biex nagħtuhom l-edukazzjoni u l-opportunitajiet li għandhom bżonn biex jirnexxu.

Id-dinjità tax-xogħol hija sagra. Fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħi, se nipproponi strument legali biex niżgura li **kull ħaddiem fl-Unjoni tagħna jkollu paga minima ġusta**.

Dan għandu jippermetti għal għajxien diċenti f'kull post li jaħdmu. Il-pagi minimi għandhom jiġu stabbiliti skont it-tradizzjonijiet nazzjonali, permezz ta' ftehimiet kollettivi jew dispożizzjonijiet legali. Nemmen bis-sħiħ fil-valur ta' **djalogu soċjali** bejn l-impjegaturi u l-unjonijiet, l-aktar nies li jafu s-settur u r-reġjun tagħhom sew.

It-trasformazzjoni diġitali ġġib bidla rapida li taffettwa s-swieq tax-xogħol tagħna. Se nħares lejn modi kif **intejbu l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaforma**, l-aktar billi nenfasizzaw fuq il-ħiliet u l-edukazzjoni.

*Id-dinjità tax-xogħol hija sagra. Fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħi, se nipproponi strument legali biex niżgura li kull ħaddiem fl-Unjoni tagħna jkollu paga minima ġusta.*

Irridu wkoll nagħmlu aktar biex nappoġġjaw lil dawk li jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba avvenimenti esterni li jaffettwaw l-ekonomija tagħna.

Għalhekk se nipproponi **Skema ta' Riassigurazzjoni Ewropea ta' Benefiċċji tal-Qgħad**. Din se tipproteġi liċ-ċittadini tagħna u matul xokkijiet esterni tnaqqas il-pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi.

**Irridu nagħmlu aktar biex niġġieldu l-faqar.** Il-futur tal-Ewropa se jiddependi fuq iż-żgħażagħ tagħna. Irridu nappoġġjawhom tul it-tfulija kollha tagħhom, u fil-ħajja adulta tagħhom.

Hija mistħija kollettiva tagħna li kważi 25 miljun tifel u tifla taħt l-età ta' 18-il sena huma f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Huwa aktar probabbli li t-tfal li jgħixu fil-faqar isiru adulti li jgħixu fil-faqar. Jeħtieġ li nkissru dan iċ-ċiklu perikoluż. Irridu naqdfu aktar.

Biex kull tifel jew tifla fil-bżonn isib appoġġ, se noħloq **il-Garanzija Ewropea għat-Tfal**, li ssegwi l-idea proposta mill-Parlament Ewropew.

Din l-għodda se tgħin biex jiġi żgurat li kull tifel u tifla fl-Ewropa f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jkollhom aċċess għall-aktar drittijiet bażiċi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.

L-Ewropa għandha wkoll tappoġġja lill-ġenituri u lil dawk b'responsabbiltajiet ta' indukrar biex jibbilanċjaw aħjar il-ħajja tax-xogħol ma' dik familjari. Se niżgura li nimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva ta' **Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja** li tħeġġeġ qsim aħjar ta' responsabiltajiet bejn in-nisa u l-irġiel.

*Se noħloq il-Garanzjia Ewropea għat-Tfal biex jiġi żgurat li kull tifel u tifla fl-Ewropa f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jkollhom aċċess għall-aktar drittijiet bażiċi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.*

Dan se jgħin biex aktar nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol kif ukoll se jiġġieled il-faqar tat-tfal. Se niżgura li dan jiġi appoġġjat b'biżżejjed investiment mill-**Fond Soċjali Ewropew+** biex titjieb il-kwalità u l-aċċessibilità għas-**sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal**.

Fl-aħħar ħames snin il-Garanzija għaż-Żgħażagħ għenet 3.5 miljun żagħżugħ fis-sena biex jirċievu taħriġ, edukazzjoni jew xogħol.

Biex inkomplu nibnu fuq dan is-suċċess, se **nibdel il-Garanzija għaż-Żgħażagħ fi strument permanenti biex jiġġieled il-qgħad fost iż-żgħażagħ**. Dan l-istrument għandu jkollu baġit miżjud u rappurtar regolari biex jiġi żgurat li jwassal dak li jwiegħed f'kull Stat Membru.

Bħala tabib, għandi għal qalbi s-saħħa. 40 % minna xi darba jew oħra se jaffaċċjaw il-kanċer u kważi kulħadd jaf l-ansjetà u s-sogħba ta' ħabib jew membru tal-familja dijanjostikat bil-kanċer.

Ir-rati ta' għajxien qed jogħlew, l-aktar permezz ta' detezzjoni minn qabel u programmi ta' monitoraġġ. Iżda hemm ħafna aktar x'nistgħu nagħmlu. Se nressaq **pjan Ewropew għall-ġlieda kontra l-kanċer**, biex jappoġġja lill-Istati Membri jtejbu l-kontroll u l-kura tal-kanċer.

## *Unjoni ta' ugwaljanza*

Ewropa għanja u soċjali tiddependi fuqna lkoll. **Għandna wkoll bżonn ugwaljanza għal kulħadd u ugwaljanza fit-tifsiriet kollha tagħha.**

Din se tkun waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni tiegħi u tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Fin-negozju, il-politika u s-soċjetà b'mod ġenerali, nistgħu biss nilħqu l-potenzjal kollu tagħna jekk nużaw it-talent u d-diversità kollha li għandna. Timijiet b'diversità jipproduċu riżultati aħjar. L-innovazzjoni sseħħ meta n-nies minn sfondi u perspettivi differenti jsiru ħaġa waħda. Bl-isfidi demografiċi quddiemna, ma nistgħu nħallu ebda potenzjal warajna.

Għandu jkun hemm l-istess opportunitajiet għal dawk kollha li jaqsmu l-istess ħolm. Għalhekk se **nipproponu leġiżlazzjoni ġdida kontra d-diskriminazzjoni**.

Il-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali huwa minqux fit-Trattat. Dan se jkun il-prinċipju li jwaqqaf **Strateġija Ewropea dwar il-Ġeneri** ġdida.

In-nisa, bħala medja jaqilgħu 16 % anqas mill-irġiel, anke jekk jiksbu kwalifiki ogħla.

Fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħi, se nressaq miżuri biex jiġu introdotti **miżuri vinkolanti rigward it-trasparenza fil-pagi**.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija element kruċjali tat-tkabbir ekonomiku. L-Istrateġija Ewropea dwar il-Ġeneri se tindirizza b'mod sistematiku l-mod kif il-liġijiet jaffettwaw id-deċiżjonijiet li jieħdu n-nisa tul ħajjithom: meta jibdew impjieg, meta jmexxu negozju, meta jitħallsu, meta jiżżewġu, meta jkollhom it-tfal, meta jimmaniġġjaw l-assi u meta jieħdu l-pensjoni. Irridu nagħtu drittijiet ugwali lin-nisa u lill-irġiel tul dawn id-deċiżjonijiet kollha tal-ħajja.

Biex inkissru s-saqaf tal-ħġieġ, jeħtieġ li **nistabbilixxu kwoti għall-bilanċ bejn il-**

**ġeneri fuq il-bordijiet tal-kumpaniji**. Kif diġà għamilt bħala Ministru fil-Ġermanja, se nkun qed infittex li nibni maġġoranza biex niżblokkaw id-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet.

Dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, **il-Kummissjoni se tmexxi bl-eżempju billi tifforma Kulleġġ tal-Kummissarji Ugwali bejn l-irġiel u n-nisa**. Sal-aħħar tal-mandat tiegħi, se niżgura li jkollna ugwaljanza sħiħa fil-livelli kollha tal-ġestjoni tal-Kummissjoni. Ma jiena se naċċetta xejn anqas minn hekk.

*Fin-negozju, il-politika u s-soċjetà b'mod ġenerali, nistgħu biss nilħqu l-potenzjal kollu tagħna jekk nużaw it-talent u d-diversità kollha li għandna. Għandu jkun hemm l-istess opportunitajiet għal dawk kollha li għandhom ħolm komuni.*

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru tibqa' realtà tal-biża' għal wisq persuni fl-Unjoni tagħna. **L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel dak kollu li tista' biex tevita l-vjolenza domestika, tipproteġi lill-vittmi u tikkastiga lit-trasgressuri**.

L-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika tibqa' prijorità ewlenija għall-Kummissjoni.

Jekk l-adeżjoni teħel fil-Kunsill, nikkunsidra li nressaq il-proposti dwar standards minimi rigward id-definizzjoni ta' ċertu tipi ta' vjolenza, u nsaħħaħ id-Direttiva tad-Drittijiet tal-Vittmi. **Se nipproponi li l-vjolenza kontra n-nisa tiżdied mal-lista ta' reati tal-UE definiti fit-Trattat**.

L-ugwaljanza tmur lil hinn mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri. **In-nisa u l-irġiel, xjuħ u żgħażagħ, Punent u Lvant, Tramuntana u Nofsinhar, l-identitajiet nazzjonali u kulturali varji tagħna huma dak li jifforma l-identità tagħna.**

Jaf ikollna twemmin differenti, jew nappartjenu għal gruppi minoritarji differenti iżda rridu niżguraw li nisimgħu lil xulxin, nitgħallmu minn xulxin u nħaddnu din id-diversità.

Hemm wisq ċittadini Ewropej li jħossu li għandhom opportunitajiet differenti f'ċerti partijiet tal-Ewropa aktar milli għandhom f'oħrajn. Biex insolvu dan, jeħtieġ li nużaw l-għodda kollha disponibbli.

## *Tassazzjoni ġusta*

**Wieħed mill-pedamenti ewlenin tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna huwa li kulħadd jagħti sehmu**. Ma jista' jkun hemm ebda eċċezzjoni.

Ġirja lejn l-aktar livell baxx dwar it-tassazzjoni xxekkel il-kapaċità tal-pajjiżi li jistabbilixxu politiki tat-tassazzjoni li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-ekonomiji u n-nies tagħhom.

Fejn jiġu ġġenerati l-profitti, it-taxxi u l-imposti għandhom ukoll jikkontribwixxu għas-sistemi tas-sigurtà soċjali, is-sistemi edukattivi u l-infrastruttura tagħna.

**L-UE u s-sistemi tat-tassazzjoni korporattiva internazzjonali għandhom bżonn urġenti ta' riforma**. Mhumiex adatti għar-realtajiet ta' ekonomija globali moderna u ma jirriflettux il-mudelli ta' negozju l-ġodda fid-dinja diġitali.

**Se niddefendi l-ġustizzja fiskali — kemm għall-kumpaniji tradizzjonali kif ukoll għan-negozji diġitali**.

Se niżgura li t-tassazzjoni tal-kumpaniji l-kbar tat-teknoloġija tingħata prijorità. Se naħdem ħafna biex niżgura li l-proposti li bħalissa għadhom fuq il-mejda, isiru liġijiet. Għaddejjin diskussjonijiet biex tinstab soluzzjoni interna, l-aktar fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi. Madankollu, **jekk sal-**

**aħħar tal-2020 ma jkunx għad hemm soluzzjoni globali għal tassazzjoni diġitali ġusta, l-UE għandha taġixxi waħedha.**

Il-kumpaniji Ewropew jitolbu sistemi ta' tassazzjoni u regoli sempliċi, l-aktar meta jaħdmu bejn il-fruntieri. Fl-ewwel nofs tal-mandat tiegħi, se nressaq proposti li jtejbu l-ambjent tat-tassazzjoni tan-negozji fis-suq uniku.

**Bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva** tagħti lin-negozji ġabra unika ta' regoli biex jikkalkulaw il-bażi għat-taxxa korporattiva fl-Unjoni Ewropea. Huwa proġett tal-Parlament Ewropew li ilu jeżisti u jien se nirsisti biex isir realtà.

Id-differenzi fir-regoli dwar it-taxxi jistgħu jxekklu l-integrazzjoni aktar profonda tas-suq uniku. Dan jista jxekkel it-tkabbir, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro u fejn ir-rabtiet ekonomiċi huma aktar b'saħħithom. Jeħtieġ li nkunu kapaċi naġixxu.

Se nagħmel użu mill-klawżoli fit-Trattati li jippermettu li l-proposti fuq it-tassazzjoni jiġu adottati permezz tal-kodeċiżjoni u deċiżi b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill. Dan se jagħmilna aktar effiċjenti u kapaċi naġixxu aktar malajr meta jkun meħtieġ.

Bl-istess atteġġjament, **se nżid il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa** u niżgura li l-azzjoni tagħna kontra reġimi dannużi tat-taxxa f'pajjiżi terzi tkun aktar b'saħħitha.

# 3. Ewropa xierqa għall-era diġitali

**Irrid li l-Ewropa timpenja ruħha aktar billi taħtaf l-opportunitajiet mill-era diġitali f'limiti siguri u etiċi.**

It-teknoloġiji diġitali, l-aktar l-Intelliġenza Artifiċjali (AI) qed ibiddlu d-dinja b'pass aktar mgħaġġel minn qatt qabel. Dawn biddlu l-mod kif nikkomunikaw, ngħixu u naħdmu. Biddlu s-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna.

L-Internet tal-Oġġetti qed jgħaqqad id-dinja b'modi ġodda. Wara l-informazzjoni u n-nies, issa l-apparat fiżiku u s-sensuri qed jingħaqdu flimkien ukoll. Qed jinġabru ammonti enormi u dejjem jiżdiedu ta' *data.*

L-Ewropa diġà qed tistabbilixxi standards fit-telekomunikazzjoni. Wasal iż-żmien li dan is-suċċess jiġi ripetut u jiġu żviluppati **standards konġunti għan-netwerks 5G tagħna.**

Jaf ikun tard wisq biex jiġu rreplikati l-hyperscalers, iżda mhux tard wisq biex tinkiseb **sovranità teknoloġika** f'xi oqsma kritiċi tat-teknoloġija.

Biex inkunu minn ta' quddiem fir-rigward tal-hyperscalers tal-ġenerazzjoni li jmiss, se ninvestu fil-blockchain, fil-computing ta' prestazzjoni għolja, fil-quantum computing, fl-algoritmi u fl-għodod li jippermettu l-qsim u l-użu tad-*data*. **Flimkien se niddefinixxu l-istandards għal din il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' teknoloġiji li jsiru n-norma globali**.

Se nżidu l-investiment fir-riċerka fixkiela u fl-innovazzjoni rivoluzzjonarja filwaqt li naċċettaw li rridu nesperjenzaw ukoll falliment.

Id-*data* u l-Intelliġenza Artifiċjali huma l-ingredjenti għall-innovazzjoni li jistgħu jgħinuna nsibu soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà, mis-saħħa għall-agrikoltura, mis-sigurtà għall-manifattura.

Biex jinħareġ dak il-potenzjal irridu nsibu l-mod Ewropew tagħna, billi nibbilanċjaw il-fluss u l-użu wiesa' tad-*data* filwaqt li nżommu privatezza, sigurtà u sikurezza u standards etiċi għolja. Dan diġa' ksibnieh permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u ħafna pajjiżi segwew l-eżempju tagħna.

**Fl-ewwel 100 jum fil-kariga, se nressaq il-leġiżlazzjoni għal approċċ Ewropew koordinat dwar l-implikazzjonijiet umani u etiċi tal-Intelliġenza Artifiċjali.** Dan għandu jħares ukoll lejn kif nistgħu nużaw il-big *data* għal innovazzjonijiet li joħolqu l-ġid għas-soċjetajiet u għan-negozji tagħna.

Se niżgura li tingħata prijorità lill-investimenti fl-Intelliġenza Artifiċjali, kemm permezz tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kif ukoll permezz ta' aktar użu ta' sħubiji pubbliċi-privati.

**Att dwar is-Servizzi Diġitali** ġdid se jaġġorna r-regoli dwar ir-responsabilità u s-sigurtà tagħna għall-pjattaformi diġitali, is-servizzi u l-prodotti u jlesti s-Suq Uniku Diġitali tagħna.

Id-diġitalizzazzjoni u ċ-ċibernetika huma żewġ naħat tal-istess munita. Dan jibda b'mentalità differenti: Jeħtieġ li nitbiegħdu mill-"bżonn li nsiru nafu" u l-"bżonn li naqsmu ma' xulxin".

Dan għandu jsir permezz ta' **Unità Ċibernetika konġunta** biex jitħaffef il-qsim tal-informazzjoni u nipproteġu lilna nfusna aħjar.

Is-settur pubbliku għandu rwol importanti li jistimula t-trasformazzjoni diġitali. Irrid li l-Kummissjoni Ewropea tmexxi bl-eżempju.

**Se mmexxi d-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-Kummissjoni**, filwaqt li jitpoġġew fis-seħħ metodi diġitali ġodda u għodod diġitali ta' diplomazija.

Nemmen li dan se jagħti aktar aġilità u flessibbiltà lill-istituzzjoni, u se jagħmilha aktar trasparenti fil-mod kif topera. Barra minn hekk, dan se jgħin ukoll biex titrawwem kultura ġdida ta' tmexxija u ta' xogħol aktar inklussiva, b'inqas ġerarkiji u aktar kooperazzjoni. Dan se jgħinna nibdlu l-mentalità tagħna u nħaddnu l-futur.

Nemmen li l-Ewropa tista' tiġġestixxi b'suċċess it-trasformazzjoni fl-era diġitali, jekk nibnu l-forzi u l-valuri tagħna.

## *L-għoti tas-setgħa lin-nies permezz tal-edukazzjoni u l-ħiliet*

L-aqwa investiment fil-futur tagħna huwa l-investiment f'niesna. Il-ħiliet u l-edukazzjoni jmexxu l-kompetittività u l-innovazzjoni tal-Ewropa. Iżda l-Ewropa għadha mhix lesta. Se niżgura li nużaw l-għodod u l-fondi kollha disponibbli għalina biex nindirizzaw mill-ġdid dan il-bilanċ.

Jiena ninsab impenjata bis-sħiħ biex **iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ssir realtà sal-2025**. Jeħtieġ li negħlbu l-ostakoli għat-tagħlim u ntejbu l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità. Hemm bżonn li nippermettu lil dawk li qed jitgħallmu biex jiċċaqilqu aktar faċilment bejn is-sistemi edukattivi f'pajjiżi differenti. Jeħtieġ ukoll li nibdlu l-kultura ta' edukazzjoni lejn it-tagħlim tul il-ħajja li jarrikkixxi lilna lkoll.

Il-prijorità tiegħi se tkun biex l-Ewropa żżid il-pass fir-rigward tal-ħiliet diġitali, kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-adulti, billi naġġornaw il-**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali**. Jeħtieġ li nerġgħu nikkunsidraw l-edukazzjoni billi nużaw il-potenzjal li jipprovdi l-internet biex il-materjal ta' tagħlim isir disponibbli għal kulħadd, pereżempju biż-żieda fl-użu ta' korsijiet miftuħa onlajn kbar ħafna. Il-litteriżmu diġitali jrid ikun pedament għal kulħadd.

Nappoġġja wkoll l-idea tal-Parlament Ewropew li **jżid il-baġit tal-Erasmus+ bi tliet darbiet bħala parti mill-baġit fit-tul li jmiss.**

# 4 Nipproteġu l-istil ta' ħajja Ewropew tagħna

**Irrid li l-Ewropa tirsisti għal aktar meta niġu biex nipproteġu liċ-ċittadini tagħna u l-valuri tagħna.**

## *Insostnu l-istat tad-dritt*

**Ewropa li tipproteġi għandha wkoll tiddefendi l-ġustizzja u l-valuri**. M'hemm xejn iktar importanti mir-rispett tal-istat tad-dritt.

L-Unjoni Ewropea tagħna hija **Komunità tal-Liġi**. Din il-komunità hija l-fondazzjoni ta' dak kollu li ksibna u ta' dak kollu li għad irridu nagħmlu. Din hija l-karatteristika tal-Ewropa. U dan huwa ċentrali għall-viżjoni tiegħi għal Unjoni ta' ugwaljanza, tolleranza u ekwità soċjali.

**Ma jista' jkun hemm l-ebda kompromess meta niġu għad-difiża tal-valuri ewlenin tagħna.**

It-theddid għall-istat tad-dritt jikkontesta l-bażi legali, politika u ekonomika ta' kif taħdem l-Unjoni tagħna.

L-iżgurar tar-rispett tal-istat tad-dritt huwa responsabbiltà primarja ta' kull Stat Membru. Madankollu, kif ikkonfermat reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja, għandna interess komuni li nsolvu l-problemi. It-tisħiħ tal-istat tad-dritt huwa responsabbiltà kondiviża għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE u għall-Istati Membri kollha.

Se niżgura li nagħmlu l-aħjar użu mill-għodod kollha tagħna fil-livell Ewropew. U nappoġġja **Mekkaniżmu Ewropew komprensiv għall-Istat tad-Dritt addizzjonali**, b'kamp ta' applikazzjoni għall-UE kollha u b'rappurtar annwali oġġettiv mill-Kummissjoni Ewropea. L-approċċ ta' monitoraġġ se jkun l-istess f'kull Stat Membru.

*Ma jista' jkun hemm l-ebda kompromess meta niġu għad-difiża tal-valuri ewlenin tagħna. It-theddid għall-istat tad-dritt jikkontesta l-bażi legali, politika u ekonomika ta' kif taħdem l-Unjoni tagħna.*

Il-monitoraġġ tal-Kummissjoni se jsir bi djalogu mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali fuq il-bażi tal-liġi, b'mod partikolari l-ġurisprudenza reċenti stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja indipendenti tagħna. Se niżgura wkoll rwol akbar għall-Parlament Ewropew f'dan il-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt.

It-triq 'il quddiem il-ġdida twassal għat-trasparenza, tippermetti l-identifikazzjoni bikrija, u toffri appoġġ immirat biex tiġi solvuta kwalunkwe kwistjoni fi stadju bikri.

L-objettiv tagħna huwa li tinstab soluzzjoni li tipproteġi l-istat tad-dritt, b'kooperazzjoni u appoġġ reċiproku, iżda mingħajr ma jiġi eskluż rispons effettiv, proporzjonat u dissważiv bħala l-aħħar soluzzjoni.

Beħsiebni niffoka fuq infurzar aktar strett, bl-użu bħala bażi ta' sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li juru l-impatt ta' ksur tal-istat tad-dritt fuq id-dritt tal-UE. Jien insostni l-proposta li **l-istat tad-dritt ikun parti integrali mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.**

Fin-nofs hemm it-tisħiħ tal-fiduċja u l-kunfidenza bejnietna, li huwa tajjeb għas-suq intern tagħna daqs kemm huwa tajjeb ukoll għall-għaqda interna tagħna.

Il-Kummissjoni dejjem se tkun gwardjan indipendenti tat-Trattati. Il-ġustizzja hija għamja — tiddefendi l-istat tad-dritt kull fejn u minn kull min jiġi attakkat.

## *Fruntieri b'saħħithom u bidu ġdid dwar il-migrazzjoni*

**Se nipproponi Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, inkluż it-tnedija mill-ġdid tar-riforma ta' Dublin tar-regoli dwar l-ażil.**

Naf kemm huma diffiċli u diviżivi d-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni. Jeħtieġ li ntaffu t-tħassib leġittimu ta' ħafna u nħarsu lejn kif nistgħu negħlbu d-differenzi tagħna. Jeħtieġ li nħarsu lejha b'mod komprensiv.

Għandna bżonn fruntieri esterni b'saħħithom. Fil-qalba ta' din l-ambizzjoni hemm **Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msaħħa**. Jekk nilħqu ftehim fiż-żmien stabbilit dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, inkunu nistgħu nilħqu korp permanenti ta' 10,000 gwardji tal-fruntiera tal-**Frontex** qabel il-mira attwali tal-2027. Irrid nara li dawn il-gwardji, bil-kapaċità li jaġixxu fil-fruntieri esterni tal-UE, ikunu f'posthom sal-2024.

Irridu nimmodernizzaw is-sistema tal-ażil tagħna. **Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil** trid tkun proprju waħda komuni. Nistgħu biss ikollna fruntieri esterni stabbli jekk nagħtu għajnuna biżżejjed lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw l-aktar pressjoni minħabba l-post tagħhom fuq il-mappa. Ilkoll kemm aħna għandna bżonn ngħinu lil xulxin u nikkontribwixxu.

Dawn iż-żewġ passi 'l quddiem se jippermettulna **nerġgħu lura għal Żona Schengen ta' moviment liberu li taħdem b'mod sħiħ**, xprun ewlieni tal-prosperità, is-sigurtà u l-libertajiet tagħna. Iżda jeħtieġ li ntejbu l-mod kif din taħdem u nwittu t-triq għal aktar tkabbir potenzjali taż-żona.

**Għandna bżonn mod ġdid ta' qsim tal-piż. Għandna bżonn bidu ġdid.**

Ir-responsabbiltà tagħna tibda fil-pajjiżi tal-oriġini ta' dawk li jiġu fl-Ewropa. In-nies ma jagħżlux li jitilqu minn djarhom u jagħmlu vjaġġ perikoluż għal xejn b'xejn. Jagħmlu dan minħabba li jħossu li m'għandhomx alternattiva.

Jeħtieġ li npoġġu l-enfasi ċara tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħna fuq **it-titjib tal-perspettivi taż-żgħażagħ fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom**. Jeħtieġ li ninvestu fis-saħħa tagħhom, fl-edukazzjoni u fil-ħiliet tagħhom, fl-infrastruttura, fit-tkabbir sostenibbli u fis-sigurtà.

*Jeħtieġ li ntaffu t-tħassib leġittimu ta' ħafna u nħarsu lejn kif nistgħu negħlbu d-differenzi tagħna. Għandna bżonn mod ġdid ta' qsim tal-piż, għandna bżonn bidu ġdid.*

Ir-realtà għal dawk li jitilqu hija waħda brutali. Huma jpoġġu d-destin tagħhom f'idejn traffikanti bla skrupli li jabbandunaw lil dawk l-aktar vulnerabbli mat-triq. **Il-kriminali m'għandhom qatt jiddeċiedu x-xorti tal-ebda biedem jew jiddettaw min jidħol fl-Unjoni tagħna**. Irridu nfixklu u nżarmaw il-mudelli tan-negozju tagħhom b'kull għodda li għandna għad-dispożizzjoni tagħna.

Hija essenzjali l-possibbiltà ta' kooperazzjoni aktar b'saħħitha ma' **pajjiżi terzi**, kemm **il-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll dawk ta' tranżitu**.

L-Ewropa għandha r-responsabbiltà li tgħin lill-pajjiżi li qed jospitaw lir-refuġjati biex joffrulhom kundizzjonijiet deċenti u umanitarji. Għal dan il-għan, nappoġġja l-istabbiliment ta' kurituri umanitarji.

Neħtieġu d-diplomazija, l-iżvilupp ekonomiku, l-istabbiltà u s-sigurtà. Dan jgħinna biex inwaqqfu lit-traffikanti, iġib impenn aktar b'saħħtu għar-risistemazzjoni, kif ukoll joħloq toroq għall-migrazzjoni legali biex jgħinuna ndaħħlu n-nies bil-ħiliet u t-talenti li neħtieġu.

L-Ewropa dejjem se tonora l-valuri tagħna u testendi id ta' għajnuna għar-refuġjati li jaħarbu l-persekuzzjoni jew il-kunflitt — dan huwa d-dmir morali tagħna. L-istess japplika biex jiġu salvati l-ħajjiet fuq il-baħar. Għal dan, **neħtieġu approċċ aktar sostenibbli għat-tiftix u s-salvataġġ.** Jeħtieġ li nimxu minn soluzzjonijiet każ b'każ għal risposta aktar permanenti.

Dan l-approċċ komprensiv għandu jkun akkumpanjat ukoll minn fehim ċar ta' kif għandhom jiġu ttrattati dawk li mhumiex eliġibbli għall-protezzjoni u li jeħtieġ li jintbagħtu lura. L-aġġornament tar-regoli tagħna dwar ir-ritorn jeħtieġ li jkun parti mis-soluzzjoni. Kollox huwa marbut flimkien.

## *Sigurtà interna*

Kull persuna fl-Unjoni tagħna għandha d-dritt li tħossha sikura fit-triq tagħha stess u f'darha stess. Għandna nagħmlu dak kollu possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna. Irridu ntejbu l-kooperazzjoni transfruntiera biex nindirizzaw in-nuqqasijiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu fl-Ewropa.

Għandna nużaw l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna biex nagħmlu dan. **L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jkollu aktar saħħa u awtorità u jkun jista' jinvestiga t-terroriżmu transfruntier u jipproċedi kontrih.**

Il-kumplessità u s-sofistikazzjoni tas-sistema finanzjarja tagħna fetħet il-bieb għal riskji ġodda ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. Neħtieġu superviżjoni aħjar u politika komprensiva biex nipprevjenu l-lakuni.

**Wasal iż-żmien li l-Unjoni Doganali tittieħed għal-livell li jmiss**, u tiġi mgħammra b'qafas aktar b'saħħtu li jippermettilna nipproteġu aħjar liċ-ċittadini tagħna u lis-suq uniku tagħna. Se nipproponi pakkett ambizzjuż għal approċċ Ewropew integrat biex tissaħħaħ il-ġestjoni tar-riskju doganali u jiġu appoġġjati l-kontrolli effettivi mill-Istati Membri.

# 5. Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja

**Irrid li l-Ewropa tirsisti għal aktar billi ssaħħaħ ir-reputazzjoni unika tagħna ta' tmexxija globali responsabbli.**

Il-multilateraliżmu huwa fid-DNA tal-Ewropa. Huwa l-prinċipju ta' gwida tagħna fid-dinja. Il-Kummissjoni tiegħi se tkompli tippromovi dan l-approċċ u tiżgura li **nsostnu u naġġornaw l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli**.

Ninsabu fit-triq it-tajba u ksibna ħafna f'dawn l-aħħar snin, iżda għad fadal sfidi kbar.

Irridu nkunu ambizzjużi, strateġiċi u assertivi fil-mod kif naġixxu fid-dinja. Irridu nibnu fuq il-punti ta' saħħa tagħna, nikkonfrontaw u nindirizzaw il-vulnerabbiltajiet tagħna, u nsaħħu l-leġittimità tagħna.

## *Kummerċ Hieles u Ġust*

Nemmen li nistgħu nsaħħu r-rwol tal-Ewropa bħala mexxej globali u mudell standard permezz ta' **aġenda b'saħħitha ta' kummerċ miftuħ u ġust**.

Aħna nemmnu fil-kummerċ għaliex jaħdem – huwa jirrappreżenta aktar minn terz tal-PDG tal-UE u jappoġġja aktar minn 36 miljun impjieg. Aħna l-akbar esportatur ta' prodotti u servizzi manifatturati u l-akbar suq tal-esportazzjoni għal 80 pajjiż. Dan juri kemm l-Ewropa tilħaq fil-bogħod u kemm hija attraenti għan-negozju.

Se nfittxu li nikkonkludu malajr in-negozjati li għaddejjin mal-Awstralja u n-New Zealand, u nsegwu sħubijiet ġodda jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin. Se naħdmu biex insaħħu sħubija kummerċjali bbilanċjata u ta' benefiċċju reċiproku mal-Istati Uniti.

Filwaqt li nirrikonoxxi t-tħassib ta' ħafna, **se niżgura l-ogħla livell ta' trasparenza**, komunikazzjoni u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u mas-soċjetà ċivili matul il-proċess kollu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni dejjem se tipproponi li l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehimiet kummerċjali ssir biss ladarba l-Parlament Ewropew ikun ta l-kunsens tiegħu.

Il-kummerċ mhuwiex għan fih innifsu. Huwa mezz biex titwassal il-prosperità fil-pajjiżi tagħna u biex nesportaw il-valuri tagħna madwar id-dinja. Se niżgura li kull ftehim ġdid konkluż ikollu kapitlu ddedikat għall-iżvilupp sostenibbli **u l-ogħla standards ta' ħarsien tal-klima, tal-ambjent u tal-ħaddiema, b'politika ta' tolleranza żero fuq l-impjieg tat-tfal**.

*Il-kummerċ mhuwiex għan fih innifsu. Huwa mezz biex titwassal il-prosperità fil-pajjiżi tagħna u biex nesportaw il-valuri tagħna madwar id-dinja. Se niżgura li kull ftehim ġdid konkluż ikollu kapitlu ddedikat għall-iżvilupp sostenibbli.*

Biż-żieda fil-ġid li l-kummerċ iġib miegħu tiżdied ukoll ir-responsabbiltà. Se naħtar **Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ** biex itejjeb il-konformità u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali tagħna, u biex regolarment jirrapporta lura lill-Parlament Ewropew.

Bl-istess mod, l-Ewropa dejjem se tiġġieled għal kundizzjonijiet ekwi u tkun b'saħħitha kontra dawk li jikkompetu permezz ta' dumping, deregolamentazzjoni jew sussidji.

Aħna dejjem se nfittxu soluzzjonijiet multilaterali u **beħsiebni mmexxi l-isforzi**

**dwar l-aġġornament u r-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**.

Irridu nagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti tad-difiża tal-kummerċ tagħna fejn meħtieġ. U rridu niżguraw li ninfurzaw id-drittijiet tagħna, inkluż permezz ta' sanzjonijiet, jekk oħrajn jibblukkaw ir-riżoluzzjoni ta' kunflitt kummerċjali.

## *Rwol aktar attiv*

**It-tmexxija Ewropea tfisser ukoll li naħdmu id f'id mal-ġirien tagħna u mas-sħab tagħna**. Fl-approfondiment tar-relazzjonijiet tagħna, dejjem se nkunu ggwidati mill-valuri tagħna u mir-rispett tagħna għad-dritt internazzjonali.

L-Unjoni Ewropea hija l-akbar donatur ta' għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja. Meta nagħmlu dan, aħna nfittxu li noħolqu sħubija bejn partijiet ugwali, mingħajr ma nagħmlu kompromessi fejn jidħlu l-libertà u d-dinjità.

Nixtieq li l-Ewropa jkollha **strateġija komprensiva dwar l-Afrika,** il-ġar qrib tagħna u l-aktar sieħeb naturali tagħna.

Hija kontinent mimli opportunitajiet u potenzjal għall-kooperazzjoni u għan-negozju. Hija se jkollha fiha l-ikbar klassi medja, li qed tikber bl-aktar rata mgħaġġla fid-dinja, b'konsum privat mistenni li jilħaq iż-EUR 2 triljun fis-sena sal-2025. Għandna nużaw l-opportunitajiet politiċi, ekonomiċi u ta' investiment li dawn il-bidliet se jġibu magħhom.

Irrid **nirriafferma l-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent** u nara rwol importanti fit-tkomplija tal-proċess ta' riforma madwar ir-reġjun. Aħna għandna l-istess kontinent, l-istess storja, l-istess kultura u l-istess sfidi. Se nibnu l-istess futur flimkien.

Nappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex jinfetħu n-negozjati mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija. Il-proċess ta' adeżjoni joffri opportunità unika biex nippromwovu u naqsmu l-valuri u l-interessi ewlenin tagħna.

Ninsab lesta li nwitti t-triq għal **sħubija ambizzjuża u strateġika mar-Renju Unit**, li se jibqa' l-alleat, is-sieħeb u l-ħabib tagħna. Jiddispjaċini ferm dwar id-deċiżjoni tal-poplu Brittaniku iżda nirrispettaha b'mod sħiħ.

Il-Brexit joħloq inċertezza għad-drittijiet taċ-ċittadini, għall-atturi ekonomiċi u territorjali, u għall-istabbiltà u l-paċi fuq il-Gżira tal-Irlanda. **Il-Ftehim dwar il-Ħruġ innegozjat mar-Renju Unit huwa l-aħjar u l-uniku ftehim possibbli biex ikun hemm ħruġ b'mod ordnat**. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar żmien, se nappoġġja estensjoni oħra jekk jingħataw raġunijiet tajbin.

*Irrid nirriafferma l-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. Aħna għandna l-istess kontinent, l-istess storja, l-istess kultura u l-istess sfidi. Se nibnu l-istess futur flimkien.*

Nemmen li **l-Ewropa għandu jkollha vuċi aktar b'saħħitha u aktar magħquda fid-dinja**.

Biex tkun mexxej globali, jeħtieġ li l-UE tkun kapaċi taġixxi malajr: Se nagħmel pressjoni biex il-votazzjoni b'maġġoranza kkwalifikata ssir ir-regola f'dan il-qasam. Se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex niżgura **approċċ koordinat għall-azzjoni esterna kollha tagħna**, mill-għajnuna għall-iżvilupp għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tagħna.

Biex nibqgħu attur globali b'saħħtu, irrid li l-UE tonfoq 30 % aktar milli qed nagħmlu llum

f'investiment fl-azzjoni esterna fil-baġit fit-tul li jmiss tal-UE, u b'hekk it-total jiżdied għal EUR 120 biljun.

### *Niddefendu l-Ewropa*

L-Ewropa dejjem kisbet is-saħħa tagħha permezz tal-paċi, u l-paċi tagħha permezz tas-saħħa. In-NATO dejjem se tkun il-bażi tad-difiża kollettiva tal-Ewropa. Se nibqgħu tranżatlantiċi u se nsiru aktar Ewropej.

**Neħtieġu passi kuraġġużi oħra fil-ħames snin li ġejjin lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina**.

Bħala parti mill-baġit fit-tul li jmiss tal-UE, beħsiebni nsaħħaħ il-Fond Ewropew għad-Difiża biex nappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet. B'hekk se nifthu opportunitajiet kbar ġodda għall-industriji tagħna tat-teknoloġija avvanzata u għal partijiet oħra tal-ekonomija tagħna.

Il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp ilkoll jiddependu fuq xulxin. **Neħtieġu approċċ integrat u komprensiv għas-sigurtà tagħna**.

Din hija r-raġuni għaliex l-Ewropa għandu jkollha rwol sħiħ u attiv fuq livell globali fin-Nazzjonijiet Uniti fil-viċinat tagħna, b'mod partikolari permezz ta' sħubija eqreb mal-Afrika. L-Ewropa jenħtieġ li tappoġġja lill-Afrika biex tfassal u timplimenta s-soluzzjonijiet tagħha stess għall-isfidi bħall-instabbiltà, it-terroriżmu transfruntier u l-kriminalità organizzata.

L-isfidi tas-sigurtà qed isiru varjati u imprevedibbli. It-theddid ibridu serju u akut sar realtà. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ ir-rispons u r-reżiljenza tagħha.

# 6. Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea

**Irrid li l-Ewropa tirsisti għal aktar trawwim, protezzjoni u tisħiħ tad-demokrazija tagħna.**

Is-sistema demokratika tal-Unjoni tagħna hija unika, tlaqqa' flimkien lill-membri parlamentari eletti direttament fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej ma' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern eletti.

In-numru rekord ta' votanti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 juri d-dinamiżmu tad-demokrazija tagħna. Irridu nirrispondu għal dik is-sejħa billi nagħtu rwol aktar b'saħħtu lill-Ewropej fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Se mmorru lil hinn minn qatt qabel biex nagħmlu dan.

### *Vuċi akbar għall-Ewropej*

Nixtieq li l-Ewropej jibnu l-futur tal-Unjoni tagħna. Għandu jkollhom sehem ewlieni u attiv fl-istabbiliment tal-prijoritajiet tagħna u fil-livell ta' ambizzjoni tagħna.

**Irrid li ċ-ċittadini jsemmgħu leħinhom f'Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa**, li tibda fl-2020 u ddum għaddejja għal sentejn.

Il-Konferenza għandha ġġib flimkien liċ-ċittadini, inkluż rwol b'saħħtu għaż-żgħażagħ, is-soċjetà ċivili, u l-istituzzjonijiet Ewropej bħala sħab indaqs. Il-Konferenza għandha tkun imħejjija sew b'ambitu ċar u b'għanijiet ċari, maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Ninsab lesta li nsegwi dak li jkun ġie miftiehem, inkluż permezz ta' azzjoni

leġiżlattiva jekk ikun xieraq. Jiena miftuħa wkoll għall-bidliet fit-Trattat. Jekk jiġi ppreżentat Membru tal-Parlament Ewropew biex jippresjedi l-Konferenza, se nappoġġja bis-sħiħ din l-idea.

## *Relazzjoni speċjali mal-Parlament Ewropew*

**Nixtieq insaħħaħ is-sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew.**

Nemmen li għandna nagħtu rwol aktar b'saħħtu lill-vuċi tal-poplu, lill-Parlament Ewropew, fit-tnedija tal-leġiżlazzjoni. **Jien nappoġġja dritt ta' inizjattiva għall-Parlament Ewropew.**

Meta l-Parlament, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri tiegħu, jadotta riżoluzzjonijiet li jitolbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposti leġiżlattivi[1], nimpenja ruħi li nirrispondi b'att leġiżlattiv, b'rispett sħiħ tal-proporzjonalità, is-sussidjarjetà u l-prinċipji ta' tfassil aħjar tal-liġijiet.

Biex dan il-proċess isir effettiv kemm jista' jkun, se nitlob lill-Kummissarji tiegħi biex jaħdmu id f'id mal-Parlament Ewropew f'kull stadju tat-tfassil u tad-dibattitu tar-riżoluzzjonijiet.

Biex nagħmel dan **se niżgura li l-Kummissarji tiegħi jinfurmaw lill-Parlament Ewropew fl-istadji kollha tan-negozjati internazzjonali kollha**, skont il-forma stabbilita min-negozjati dwar il-Brexit.

Se niżgura wkoll attendenza aktar frekwenti fil-laqgħat tal-Kumitati u l-preżenza tal-Kummissarji fid-diskussjonijiet tat-trilogu bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Dan se jkun rekwiżit li se nispjega fl-ittri ta' missjoni li nibgħat lill-Kummissarji qabel il-bidu tal-mandat tagħhom.

Se niżgura wkoll djalogu permanenti bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew bħala kwistjoni ta' prijorità. **Se nkun kuntenta li nerġa' nistabbilixxi mill-ġdid it-tradizzjoni ta' Siegħa tal-Mistoqsijiet**, dibattitu regolari mal-Parlament Ewropew.

*In-numru għoli rekord ta' votanti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 juri d-dinamiżmu tad-demokrazija tagħna. Irridu nirrispondu għal dik is-sejħa billi nagħtu rwol aktar b'saħħtu lill-Ewropej fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Se mmorru lil hinn minn qatt qabel biex nagħmlu dan.*

Se naħdem mal-Parlament Ewropew għall-għan komuni tagħna ta' azzjoni aktar demokratika u effiċjenti fil-livell Ewropew.

L-Unjoni għandha tuża l-potenzjal sħiħ stabbilit fit-Trattati. **Jeħtieġ li nimxu lejn is-setgħa ta' kodeċiżjoni sħiħa għall-Parlament Ewropew u lil hinn mill-unanimità għall-politiki dwar il-klima, l-enerġija, is-soċjetà u t-tassazzjoni.**

## *Intejbu s-sistema tal-kandidati ewlenin*

L-esperjenza tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 turi biċ-ċar il-ħtieġa li **nħarsu mill-ġdid lejn il-mod kif naħtru u naġġornaw il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tagħna**. Ninsab lesta li mmexxi dik il-ħidma, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri.

Biex terġa' tinbena l-fiduċja, nipproponi li nkun medjatur fid-diskussjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew.

Nemmen bis-sħiħ li **rridu ntejbu s-sistema tal-kandidati ewlenin, jew**

[1] L-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

***Spitzenkandidaten*, flimkien**. Biex din issir aktar viżibbli għall-elettorat usa', għandna nindirizzaw ukoll il-kwistjoni tal-listi tranżnazzjonali fl-elezzjonijiet Ewropej, bħala għodda komplementari tad-demokrazija Ewropea.

Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa għandha tressaq proposti leġiżlattivi jew oħrajn dwar dan is-suġġett sa mhux aktar tard mis-sajf tal-2020.

Il-Kummissjoni se ssegwi dawn il-proposti fejn hija għandha l-kompetenza li taġixxi, u se tappoġġja lill-Parlament Ewropew fl-emendar tal-liġi elettorali u fil-kisba tal-qbil għal dan fil-Kunsill.

**Ir-regoli l-ġodda għandhom ikunu fis-seħħ fil-ħin għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024**, għal aktar trasparenza u leġittimità demokratika**.**

## *Aktar trasparenza u skrutinju*

Sabiex l-Ewropej ikollhom fiduċja fl-Unjoni tagħna, l-istituzzjonijiet tagħha għandhom ikunu miftuħa u impekkabbli fejn jidħlu l-etika, it-trasparenza u l-integrità.

Se nappoġġja l-ħolqien ta' **korp tal-etika indipendenti komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE**. Se naħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra biex dan iseħħ.

**Nemmen ukoll li neħtieġu aktar trasparenza matul il-proċess leġiżlattiv.** Se naħdem flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex dan iseħħ**.** Iċ-ċittadini għandhom ikunu jafu ma' min niltaqgħu, bħala l-istituzzjonijiet li naqduhom, u x'niddiskutu u x'pożizzjonijiet nieħdu f'dawn il-laqgħat

## *Nipproteġu d-demokrazija tagħna*

Is-sistemi demokratiċi u l-istituzzjonijiet tagħna qed jiġu attakkati dejjem aktar f'dawn l-aħħar snin minn dawk li jixtiequ jaqsmu u jiddestabbilizzaw l-Unjoni tagħna. **Irridu nagħmlu aktar biex nipproteġu lilna nfusna mill-indħil estern.**

Il-pjattaformi diġitali huma atturi ta' progress għan-nies, għas-soċjetajiet u għall-ekonomiji. Biex dan il-progress jiġi mħares, jeħtieġ li niżguraw li dawn ma jintużawx biex jiddestabbilizzaw id-demokraziji tagħna. Għandna niżviluppaw approċċ konġunt u standards komuni biex nindirizzaw kwistjonijiet bħal **informazzjoni falza u messaġġi ta' mibegħda online**

Se nippreżenta **Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija**. Dan se jindirizza t-theddid ta' interventi estern fl-elezzjonijiet Ewropej tagħna. Huwa se jinkludi proposti leġiżlattivi biex tiġi żgurata trasparenza akbar tar-reklamar politiku mħallas u regoli aktar ċari dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej.

**Din hija l-viżjoni tiegħi għal Ewropa li tirsisti għal aktar. Se niġġieled għall-ideat li qed nippreżenta hawnhekk u dejjem se nipprova nfittex li nikseb kunsens wiesa' kemm nista' għalihom**.

Se naħdem mill-qrib kemm jista' jkun mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Il-Linji Gwida Politiċi li qed nippreżenta llum, flimkien max-xogħol li sar mill-istituzzjonijiet l-oħra, se jifforma l-bażi għall-**ewwel Programm Pluriennali li qatt sar li għandu jiġi miftiehem bejn it-tliet istituzzjonijiet aktar tard din is-sena.**

Se nagħti l-ħajja lil din il-viżjoni minn qabel ma nieħu l-kariga. Mill-ewwel jum, se nippreżenta kulleġġ b'ugwaljanza bejn is-sessi. Fi żmien mitt jum, se nippreżenta Patt Ekoloġiku Ewropew. Sas-sena d-dieħla, l-Ewropej se jkunu jistgħu jesprimu l-fehma tagħhom f'konferenza dwar il-futur tal-Ewropa. Sal-2024, 10,000 Gwardja Ewropea tal-Fruntiera jew tal-Kosta għandhom ikunu qed jgħinu biex jiġu mħarsa l-fruntieri esterni tagħna u kull ħaddiem għandu jkollu paga minima ġusta. U sal-2050, l-Ewropa għandha tkun l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja.

Din hija Ewropa li tirsisti għal aktar.